# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 824

KAZ NRU. 997

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Ronnie Azzopardi

u

Beautimport Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum : 29 ta’ April, 1997

**Chairman : Is-Sur Anthony DeGiovanni**

1. **DAHLA**

Il-Ministru ta’ l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta’ ittra datata 15 ta’ Jannar 1996, riferenza ME/4/95/104/II talab lit-Tribunal Industrijali biex jaghti decizjoni dwar din il-kwistjoni tax-xoghol skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-artiklu 28(2) tal-Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. **RAPPREZENTANZA**

2.1 L-appellant kien irrapprezentat mill-Prokuratur Legali Noel Camilleri

2.2 Il-Kumpanija kienet irrapprezentata mill-avukat Raymond Zammit

3. **LISTA TA' XHIEDA**

3.1 Ghall-appellant xehdu :

Mary Joe Azzopardi
Ronald Azzopardi
l-appellant innifsu
Joseph Fava

3.2 Ghall-Kumpanija xehdu :

Edwin Camilleri
Sonia Coleiro
Terry Christianson
Joseph Farrugia
Margaret Grima

3.3 Il-persuni li isimhom jidher hawn taht kienu xhieda komuni :

Noel Dimech
Claire Sciortino

4. **PREZENTAZZJONI TA' DOKUMENTI**

4.1 L-appellant ipprezenta :

l-istqarrija tal-kaz immarkata Dok 1. Din kienet tinkludi l-lista tax-xhieda.

4.2 Il-Kumpanija ipprezentat l-istqarrija tal-kaz - Dok 2. Din kienet tinkludi wiehed u ghoxrin pagna ta' appendici u wkoll il-lista tax-xhieda

4.3 It-trattazzjoni finali saret bil-fomm.

5. **TAGHRIF GENERALI U TALBIET TAL-PARTIJIET**

5.1 L-appellant stqarr li :

5.1.1 hu beda jahdem mal-Kumpanija nhar id-19 t'April, 1995 fil-kariga ta' "Deliveryman"

u “Storekeeper”.

5.1.2 Ix-xoghol tieghu kien jinkludi li jqassam il-kunsinni lis-sidien tal-hwienet u jigbor il-flus skond il-kontijiet. Meta jasal lura l-ufficcju hu kien jaghti kopji tal-kontijiet imhallsa lil Claire Sciortino biex tghoddhom, u wara l-flus li jikkorrispondu, hu kien mistenni li jaghmel tajjeb ghal xi diskrep-anzi li jkun hemm bejn il-flus u l-kontijiet. Wara dan ix-xoghol ta’ rikonciljazzjoni ta’ hlasijiet hu kien imur jaghmel ix-xoghol l-iehor ta’ “Storekeeper”.

5.1.3 Nhar il-5 ta’ Jannar 1996 hu kien hareg bil-kunsinni u meta dahal lura l-ufficcju, qabel fil-flus ma’ Claire Sciortino u mar ikompli jaghmel ix-xoghol ta’ “Storekeeper”. Meta wasal it-Tnejn 8 ta’ Jannar 1996 u dahal ghax-xoghol is-sur Farrugia kien ikkonfrontah b’diskrepanza fid-dhul tal-flus li sar il-Gimgha 5 ta’ Jannar, 1996 u talbu jaghmel tajjeb ghad-differenza

5.1.4 hu baqa’ jsostni li l-Gimgha kien qabel fil-kontijiet u ma kellux flus x’jirrifondi

5.1.5 b’rizultat tar-rifjut tieghu li jaghmel tajjeb ghad-diskrepanza hu tkecca mill-impjieg.

5.2 Il-Kumpanija stqarret li :

5.2.1 hi kienet irceviet diversi konfermi minn sidien klijenti taghha li xi rigali li hi

tqassam ghall-Milied u li f'dati f'idejn l-appellant ma kienux waslu ghandhom

5.2.2 il-kunsinna skond l-invoice 1091 kienet tqassmet mill-appellant, thallset bi flus kontanti mis-sid tan-Naxxar Pharmacy, nhar il-Gimgha 5 ta' Jannar 1996, izda l-istess hlas ma nghatawx lilha mal-pagamenti l-ohra ta' l-istess jum

5.2.3 minhabba f'dawn in-nuqqasijiet l-appellant tkecca mill-impjieg.

## 6. <u>ARGUMENTI U PROVI TAL-PARTIJIET</u>

6.1 L-appellant argumenta li :

6.1.1 hu kien jaf tajjeb li s-sid tan-Naxxar Pharmacy kien ihallas fil-pront bi flus kontanti. Ghaldaqstant kieku ried jisraq lill-Kumpanija kien jaghzel li jiehu flus ta' sid iehor li kien tardiv fil-hlas. Dan ghaliex iz-zmien bejn il-kunsinna u l-hlas kien aktar jahdem favur tieghu jekk ikun twil.

6.1.2 is-sistema ta' kontroll tal-hlasijiet kienet imperfetta u thalli lok ghal dubji serji dwar responsabbilta' f'kaz ta' diskrepanza.

6.1.3 bhal ma hu kien ghamel tajjeb bosta drabi fejn il-hlasijiet ma qablux u anki meta ghamel hsara fil-karozza tal-Kumpanija hekk ukoll kien jaghmel tajjeb f'dan il-kaz kieku fehem li kellu xi htija

6.1.4 fil-waqt li x-xhieda tieghu kienet dettaljata

u konsistenti dik tax-xhud ewlieni Claire Sciortino kellha hafna inkosistenza. Ghas-sostenn ta' dan l-argument issemmew zewg ezempji

6.1.5 minhabba li Joseph Farrugia ma kienx fl-ufficcju meta tqabblu l-flus, Claire Sciortino halliethomlu fuq l-iskrivanija u l-ufficcju ma sakkarx. Kien hemm diversi mpjegati li kellhom access ghall-Ufficcju u ghaldaqstant ma kienx hemm sigurta' tal-flus.

6.1.6 il-Kumpanija naqset li taghmel investigazzjoni serja tac-cirkostanzi tal-kaz u minkejja dan ippretendiet il-flus minn ghandu biss

6.1.7 fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali ghandu jsib favur tieghu.

6.2 Il-Kumpanija argumentat li :

6.2.1 id-diversi sidien ta' hwienet li kienu jixtru mill-Kumpanija ikkonfermaw li r-rigal li kien jinghatalhom mill-Kumpanija ghall-habta tal-Milied ma kienx wasal ghandhom. F'kaz ta' rigal minnhom it-tfixkil allegat mill-appellant ma setax jirrzulta ghaliex il-generu tar-rigal kien hafna differenti minn dak tal-bejgh tal-hanut, fejn kien depozitat ghal zmien qasir

6.2.2 is-sistema li ntuzat biex jigi accertat li r-rigali kienu ntbaghtu, ghalkemm semplici, kienet effettiva u ma thallix dubbju li l-appellant kien gabar ir-rigali biex jikkonsin-

nhom

6.2.3 is-sistema wzata ghall-kontroll tal-hlasijiet ghall-kunsinni kienet ukoll semplici u effettiva. Jirrizulta mix-xhieda li l-kont li tieghu ma nstabx il-hlas kien thallas mill-klijent, izda la nstabet l-invoice u l-anqas il-Lm55.83 li jikkorrispondu maghha. Galadarba Claire Sciortino u l-appellant qablu fil-hlasijiet, u fuq it-taghmir tal-kompjuter kien ghadu jidher li l-hlas kien pendenti, allura bil-fors li l-appellant kien zamm ghandu l-hlas li sar minn sid il-hanut

6.2.4 l-attentat ta' l-appellant biex johloq dubbju li l-flus nieqsa setghat hadithom Claire Sciortino ghandu jitqies li falla meta wiehed jifhem l-istess xhieda ta' l-appellant meta stqarr li Claire Sciortino kienet tghodd il-flus u tqabbel mal-kontijiet, kollox quddiemu, u tikteb l-ammont wara li hu jikkonferma li kien jaqbel

6.2.5 ghalkemm Claire Sciortino setghat qalet lill-appellant li s-sur Farrugia seta' ha zball, din qaltlu hekk biex ma jasalx ghall-konkluzzjoni mghaggla. Izda d-diskors taghha ma jibdel xejn mill-fatti li graw

6.2.6 kollox juri li l-probabbilta' hi li l-appellant thallas tal-kunsinna, warrab il-hlas u l-invoice rilevanti, hallas ix-xoghol l-iehor u qabel fl-ammont ma' Claire Sciortino. Izda irrizulta li s-sur Farrugia indaga mill-ewwel dwar hlas nieqes li hu kien jaf li s-soltu

jithallas fil-pront. Din kienet xi haga li hasdet lill-appellant li donnu ma anticipax li l-Kumpanija kienet ser tinduna daqshekk malajr bid-diskrepanza. Meta gara hekk l-appellant ma kienx jaf x'jaqbad jaghmel u t-tfittxija li pprova jaghmel ghall-invoice ma kinitx taghmel sens.

## 7. **KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL**

It-Tribunal Industrijali osserva li :

7.1 l-kunsinna tar-rigali tal-Milied saret minn tliet persuni li kienu jinkludu l-appellant u zewg membri tal-familja tas-sur Farrugia s-sid tal-Kumpanija. L-Kumpanija ma giebet ebda prova li r-rigali li ma waslux ghand il-klijenti kienu r-responsabbilta' ta' l-appellant

7.2 ghalkemm l-appellant fl-ewwel stadju ta' l-incident kienet li l-invoice in kwistjoni thallset lilu, u li hu ghaddiha lill-Claire Sciortino, aktar tard stqarr li kien mar in-Naxxar Pharmacy biex jistaqsi jekk l-istess invoice kinitx thallset lilu

7.3 Claire Sciortino stqarret li l-ewwel kienet tghodd il-figuri li jidhru fuq kull invoice u tohrog it-total dovut. Wara l-konferma ta' l-appellant titolbu l-flus. Dan kien stadju krucjali tas-sistema ghaliex jekk l-appellant kien jaf xogholu sew zgur li qabel ma jintalab il-flus kien ikollu idea preciza ta' kemm kien ser jintalab. Jekk jintalab izjed kien jinvestiga sew ghaliex inkella kien ikollu johrog il-flus minn gewwa. Jekk jintalab anqas u f'ammonti ta' qrib il-Lm55 zgur li kien ser jinduna li hemm xi

*invoice* li ma nghaddietx. Dak in-nhar ta' l-incident ma gara xejn minn dan. Il-konkluzjoni hija wahda. Dak li ghaddet Claire Sciortino minn fuq l-*invoices* li pprezenta l-appellant kien jaqbel ma l-estimu li suppost kien ghamel l-appellant u wkoll mal-flus li kien gabar. Jirrizulta minn dan li l-*invoice* ta' Lm55.83 ma kinitx ipprezentata lill-Claire Sciortino u l-istess Claire Sciortino ma talbitx il-flus ghal din l-*invoice*. Jekk kif qal l-appellant stess il-flus ingabru minnu l-appellant ghandu r-responsabbil-ta' shiha ghan-nuqqas tal-hlas.

8. **DECIZJONI**

8.1 It-Tribunal Industrijali iddecieda li t-tkeccija ta' l-appellant saret ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-Ligi

8.2 Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 jintaxxa d-drittijiet ta' kull persuna li assistiet lill-partijiet fis-somma ta' erbghin liri Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

-------------------
**Anthony DeGiovanni**
**CHAIRMAN**

-----------------
**George Attard**
**SEGRETARJU**

mrg